**NOMINA TA' DOTT NOEL CAMILLERI ĦALL-ĦATRA**
**TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-ĠEORĠJA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandu l-Ġeorġja? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar ambaxxatur?

   L-akbar sfidi li nħoss li għandha huwa r-reġjuni tagħha tal-Akbazia u tal-Ossetia tan-Nofsinhar (South Ossetia) li ma humiex rikonoxxuti internazzjonalment fosthom pajjiżna u dan peress li dawn iż-żewġ reġjuni jkopru aktar minn għoxrin fil-mija (20%) tal-pajjiż. Hemm ukoll l-aspett l-ieħor f'dak li għandha x'taqsam ir-relazzjoni tal-Ġeorġja mar-Russja. Imma żvilupp ferm importanti hu li l-Ġeorġja qabdet it-triq biex tikseb s-sħubija tal-Unjoni Ewropea u dan pajjiżna jista' jgħin billi jkompli juri l-appoġġ tiegħu f'fora internazzjonali għal din id-deċiżjoni imma anke f'oqsma bilaterali. Il-binarji li nħoss li għandhom jittieħdu fir-relazzjonijiet ta' bejn iż-żewġ pajjiżi huma li jiġu esplorati u promossi ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi, il-qasam agrikolu u l-aspett kemm turistiku imma anke dak edukattiv. Hemm ukoll fattur ieħor li jixraq studju u ħidma u huwa dak tal-konnettività aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi.

2. Bħala Ambaxxatur mhux residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn il-Ġeorġja u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna nghelbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   L-akbar sfida jekk wieħed jista' jsejħilha hekk hu li pajjiżna jkompli jsaħħaħ il-promozzjoni kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-attività kummerċjali u ekonomiku u dik tas-servizzi bejn iż-żewġ pajjiżi. Imma għandu jkun hemm ukoll tisħiħ fl-oqsma edukattivi, kulturali  u anke xjentifiċi bbażati fuq ftehim bilaterali li kien ġie ffirmat bejn iż-żewġ pajjiżi. Dan sabiex bħala membru tal-EU tkompli wkoll tgħin bilateralment lill-Ġeorġja sabiex tikseb sħubija fl-Unjoni Ewropea, liema triq diġà nbdiet u fl-aħħar rapport tagħha tal-1 ta' Frar 2023 kien intqal li qed jiġu indirizzati t-12 il-prioritajiet li huma meħtiega sabiex il-Ġeorġja ssir membru sħiħ, b'mod partikolari dak li jittratta tneħħija tal-influwenza tal-oligarki f'dan il-pajjiż. Malta għandha wkoll tibqa' favur l-Eastern Partnership (EaP) li hija importanti għall-Ġeorġja għall-integrità u territorjalità tal-istess Ġeorġja. Mill-aspett bilaterali t-tisħiħ tar-relazzjonijiet diplomatiċi fil-qasam tal-kummerċ u anke f'oqsma oħra jistgħu jkunu ta' għajnuna.

3. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Ġeorġja? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   Inħoss li għad hemm ħafna opportunitajiet fl-oqsma kummerċjali li diġà jeżistu bejn iż-żewġ pajjiżi b'mod partikolari dak farmaċewtiku li hija industrija ferm importanti għall-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiżna u dan sabiex jitnaqqas l-iżbilanċ tar-relazzjonijiet kummerċjali li jeżistu fil-preżent. Il-qasam agrikolu huwa wkoll importanti li jista' jiġi kkultivat għall-benefiċċju taż-żewġ pajjiżi. Hemm ukoll l-aspett ta' sorsi alternattivi tal-enerġija li wieħed jista' jesplora peress li Malta għamlet u qegħda tagħmel passi

importanti ‘l quddiem f’dan il-qasam. Imma nħoss li anke l-qasam edukattiv hemm skop li dan jiġi esplorat aktar b’mod partikolari dak fejn studenti jiġu jitgħallmu l-ingliż għaliex nħoss li dan jista’ jservi għall-aktar tisħiħ mhux biss fl-aspett ta’ relazzjonijiet bilaterali imma anke dak ekonomiku u kummerċjali. Il-Ġeorġja bħal Malta huwa pajjiż kulturalment rikk u nħoss li anke dan il-qasam jista’ jservi biex ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi jkomplu jissaħħu.

4. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

Jien inħoss li t-trattati dwar l-edukazzjoni, xjenza u kultura għandhom jingħataw spinta għaliex ħafna drabi t-tkattir ta’ dawn l-oqsma jwasslu għat-tisħiħ u titjib fir-relazzjonijiet ekonomici u kummerjcali imma anke kulturalment. Jkun għaqli li fid-dawl tal-iżvilupp kemm ta’ pajjiżna u anke tal-Ġorġja jkun hemm ri-eżami ta’ trattati li ġew iffirmati wħud minnhom aktar minn għaxar snin ilu ħalli jekk jkun hemm bżonn li jkun aġġornament għat-titjib fir-relazzjonijiet bilaterali anke dak agrikolu u farmaċewtiku. Hemm ukoll l-aspett ta’ sorsi alternattivi tal-enerġija li wieħed jista’ jesplora peress li Malta għamlet u qegħda tagħmel passi importanti ‘l quddiem f’dan il-qasam. Imma nħoss li anke l-qasam edukattiv hemm skop li dan jiġi esplorat aktar b’mod partikolari dak fejn studenti jiġu jitgħallmu l-Ingliż. Għandu jiġi eżaminat l-aspett turistiku bejn iż-żewġ pajjiżi u allura anke l-aspett ta’ konnettività għaliex dan jiffaċilita anke r-rabtiet bejn iż-żewġ pajjiżi.

5 Kif tara li Malta u l-Ġeorġja jistgħu jikkollaboraw, b’mod partikolari fuq aspetti ekonomiċi? Huwa possibbli li hemm lok ghall-industrija Maltija li tara opportunitajiet f’dan il-pajjiż? Tara li hemm lok fejn b’xogħlok Bħala ambaxxatur tkun tista’ tħeġġeġ kollaborazzjoni f’dan is-settur?

Jien inħoss li għad hemm fejn iż-żewġ pajjiżi jistgħu jikkollaboraw tenut kont li l-Ġorġja huwa pajjiż fejn l-Ewropa titlaqqa’ mal-Asja (crossroad) u bħala Malta, Il-Ġorġja għandha storja kbira u kultura vasta u rikka apparti li l-poplu tal-Ġorġja huwa poplu ħabrieki u akkoljenti bħalna l-Maltin. Bħala pajjiż li qed jaspira li jkun membru tal-Unjoni Ewropea, huwa ċar li hemm spazju għall-espansjoni għall-industrija Maltija kif diġà wieħed jista’ jara li qed isir sforz qawwi għall-ftuħ ta’ opportunitajiet industrijali ġo pajjiżi fil-kontinenti viċini tagħna. Għalhekk wieħed jista’ jesplora u jorganizza mawriet minn industrijalisti fil-qasam farmaċewtiku u intraprendituri fl-oqsma tat-turiżmu u anke dak agrikolu peress li l-Ġorġja huwa pajjiż fejn l-agrikoltura għandha importanza kbira. Hemm ukoll il-qasam tas-sistemi alternattivi għall-enerġija bħall-panelli solari peress li Malta investiet ħafna f’dan il-qasam. Punt importanti huwa l-ETIAS li hija sistema li ċittadini mill-Ġorġja għandhom bżonn visa biex iżuru Malta li wieħed jista’ jesplora kif din tista’ tiġi aktar faċilitata biex tingħata ħalli jiġi faċilitat it-turiżmu..

6 Tista’ telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

Karriera diretta fil-Korp Diplomatiku ma kellhiex għajr li kont involut matul iż-żmien tal-Presidenza ta’ Malta kif jidher fis-CV diġà ppreżentat.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   Inħoss li pajjiżna għandu jkompli juri l-appoġġ tiegħu kif diġà wera kemm bħala membru tal-Unjoni Ewropea sabiex il-Ġorġja ssir membru sħiħ tagħha imma anke tkompli tagħti l-għajnuna tagħha permezz tal-parteċipazzjoni tagħha fil-missjoni ta' monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea (EU Montioring Mission – EUMM). Il-passi li nħoss li għandhom jittieħdu fir-relazzjonijiet ta' bejn iż-żewġ pajjiżi huma li jiġu esplorati u promossi ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi, il-qasam agrikolu u l-aspett kemm turistiku imma anke dak edukattiv. Hemm ukoll fattur ieħor li jixraq studju u ħidma u huwa dak ta' konnettività aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi. Punt importanti huwa l-ETIAS li hija sistema li ċittadini mill-Ġorġja għandhom bżonn visa biex iżuru Malta li wieħed jista' jesplora kif din tista' tiġi aktar faċilitata biex tingħata ħalli jiġi faċilitat it-turiżmu.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   Ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi ma għandhomx sfidi insormontabbli għaliex iż-żewġ pajjiżi jridu jkomplu jaħdmu flimkien biex dawn ir-relazzjonijiet bilaterali jkomplu jissaħħu. La hemm din ir-rieda miż-żewġ naħat, allura kull sfida jekk din teżisti tista' tiġi riżolta.

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   Inhoss li l-aktar pożizzjoni u interess komuni importanti huwa li l-Ġorġja qegħda tħejji ruħha biex issir membru tal-Unjoni Ewropea u bħala pajjiż jista' jgħin lill-Ġorġja sabiex anke hi tiħaq l-għan aħħari tagħha. Imma nahseb li bit-trattati bilaterali li ż-żewġ pajjiżi għandhom wieħed jista' jesplora aktar l-aspetti tal-edukazzjoni, xjenza u kultura li jistgħu jkunu ta' xprun għat-tisħiħ u tkabbir tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi imma anke dak tal-qasam farmaċewtiku u agrikolu.

4. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f'dak il-pajjiż?

   Ma għandi ebda investiment jew rabtiet kummerċjali mal-pajjiż li għalih ġejt nominat biex inservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna u għadni qatt ma żort dan il-pajjiż.

5. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

Kif jidher fic-CV tiegħi jien għamilt żmien impjegat fis-servizz pubbliku.

6. Tista’ tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta’ Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f’dawn l-aħħar snin?

   Qatt ma kont parti u lanqas ħdimt f’xi segretarjat ta’ Ministri jew Segretarji Parlamentari

7. Tista’ tindika jekk kontx involut f’xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   Ma kontx involut direttament imma kont involut fil-Presidenza ta’ Malta kif jindika fis-CV tieghi.

8. Tista’ tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta’ interess f’din il-ħatra tiegħek?

   Ma nħossx li ghandi xi kunflitt ta’ interess.

9. Tista’ tiddikjara jekk għandekx passaport ta’ pajjiż ieħor?

   L-uniku passaport li ghandi huwa dak Malti.